MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Numru. 462/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**CHARLES GRECH ta' 44 sena, iben Paul u Carmela nee' Debattista, imwieeld Tas-Sliema nhar is-6 ta' Mejju, 1964, residenti fil-fond Gerson House, Triq San Frangisk, San Gwann, detentur tal-karta ta' l-identita' li ggib in-numru 307364M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **CHARLES GRECH** li gie akkuzat tali:

1. F'dawn il-Gzejjer, f'Ottubru tas-sena 2004 bil-hsieb li jaghmel qliegh b'qerq li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), ghad-dannu ta' Rausi Insurance Agency

Limited, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

2. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.

Rat illi **CHARLES GRECH** wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema l-istess Avukat Generali haseb li tista' tinstab htija, u cioe:

Rat ukoll illi moqrija l-Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (folio 134);

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza giet instigata minn Rausi Insurance Agency Limited wara li rcevew *claim* ghal hruq ta' dghajsa appartenenti lill-akkuzat. Ghalhekk meta **CHARLES GRECH** avvanza din il-*claim* ma' l-*insurance* msemmija, huwa mela *claim form* (folio 83). Hawn huwa nizzzel li l-boat kienet mghammra bi *'3 fire extinguishers. The 3 extinguishers were 1kg powder each and were manually operated.'* (folio 86). Irrizulta ghalhekk, issa mimlija l-*claim form*, illi l-akkuzat ma kienx in konformi mal-*policy* li kellu ma' l-imsemmija *insurance* (vide folio 99 – 111). Ghalhekk skond ix-xhieda ta' Nigel Rausi, din il-polza kienet tghid illi kellu jkollu *automatic fire extinguisher* fl-*engine compartment* – fatt dan illi *ex-admissis* **CHARLES GRECH** ma kellux fuq il-*boat* mahruqa (folio 46).

Din l-ewwel *claim* **CHARLES GRECH**, flimkien ma' martu ghamilha ma' certu Malcolm Ellul, *Senior Manager* ma' l-insurance imsemmija. Xehed dan ix-xhud illi darba li ndunaw illi l-*claim* ma setghetx tithallas, huma nfurmaw

lill-akkuzat b'dan. Zied illi kien wara dan il-fatt, cioe' li nfurmaw lill-akkuzat/*claimant* b'din il-problema (nuqqas ta' *automatic fie extinguisher*) illi fi kliem ix-xhud *'Imbaghad bdew jigu allegazzjonijiet li jippruvaw illi fil-fatt kellu automatic fire extinguishers'* (folio 80).

Xehed ghalhekk li quddiemu u wkoll fil-presenza ta' Nigel Rausi, ingbatet ricevuta mhux veritjiera fis-sens illi kienet tindika **CHARLES GRECH** li kien inxtara *automatic fire extinguisher* umbaghad skoprew illi ma kinitx inharget genwinament. Jghid illi marru anke hu l-akkuzat u l-*mechanic* tad-dghajsa li qalu li kienu raw dan il-*fire extinguisher*.

Nigel Rausi kif gie prmess ukoll ikkonferma li minn dak illi qallhom l-akkuzat *a priori* kien irrizultalhom illi hu fuq il-*boat* mahruqa qatt ma kellu *automatic fire extinguisher*. Kien hawn illi kien staqsa lil **GRECH** jekk kellux xi dokumentazzjoni li kienet turi l-ezistenza ta' *automatic fire extinguisher aboard*. Ikkonferma wkoll illi hu l-akkuzat u l-*mechanic* tal-*boat* kienu zaru l-ufficju fejn ikkonfermaw l-ezistenza ta' tali *extinguisher* fuq il-*boat*. Jghid Rausi li wara xi zmien **CHARLES GRECH** kien mar l-ufficju b'dokument ta' VAT *receipt* li kien suppost juri li fuq il-*boat* kellu *automatic fire extinguisher*.

Ikkonferma f'dan ir-rigward id-dokumenti DOK CA, DOK AG2, u DOK AG3. Ikkonferma li dawn gabhomlu **CHARLES GRECH**.

Xehed ukoll Rausi, li darba li raw dawn l-ircevuti, indunaw li l-percentagg tal-VAT kien fil-fatt mibdul minn 18% ghal 15%. Zied illi s-suspett taghhom iktar tkattar meta raw *description* ta' l-*extinguisher* imnizzla b'mod specifiku *'…one of which is dry powder head bulb operated'.* (folio 51).

Xehed ukoll Rausi li ghalhekk fuq dan id-dokument irriferew dan il-kaz lill-pulizija, xorta baqghu jaghtu l-beneficcju tad-dubbju lill-klijent tant li anke offrewlu li jaghmlu *dive* fuq id-dghajsa. Din id-*dive* kienet fil-fatt ippjanata pero l-ewwel darba thassret. Xehed illi minn

hemm ‘l hemm baqa’ anke hu jipprova jikko-ordina din id-*dive* mal-klijent bla success.

Xehed f’dan ir-rigward ukoll certu Carmelino Borg – qal illi hu jbiegh il-*fire extinguishers*. Qal illi *in stock* kien izomm dawk normali li taghfashom b’idejk, pero kien jordna jekk mitlub tip iehor. Xehed illi mar ghandu l-imputat, kien xtara *fire extinguisher* normali, cioe’ *‘…..li taghfashom inti’* (folio 73). Qal ukoll illi xi zmien ilu kien mar il-hanut tieghu hu **CHARLES GRECH** – Paul Grech, u talbu rcevuti tal-*fire extinguisher*. Hariglu zewg ricevuti, wahda b’data u ohra b’data ohra. Dawn l-ircevuti kienu fil-konfront ta’ *automatic fire extinguishers*.

Ammenta li d-data li kienet tidher fuq l-ircevuti minnu mahruga kienet wahda ta’ qabel id-data li fil-fatt gew mahruga minnu l-ircevuti. Ammetta li meta hareg dawn l-ircevuti hu ma keinx biegh lil **GRECH** ebda *automatic fire extinguisher*.

Gie prodott anke x-xhud Vcitor Cini, *Post Officer, Ports Directorate*, fil-*Malta Maritime Authority*, li kkonferma u anke pprezenta kopja tal-*logbook* li kienet qabdet *boat* vicin Kemuna. Jirrizulta wkoll tul ix-xhieda ta’ Michael Savona li fil-fatt id-Difiza kienet accettanti ta’ dan il-fatt (folio 118).

Tela’ jixhed Paul Scicluna – rapprezentant tal-VAT Deparment. Qal illi r-rata tal-VAT applikabbli fis-sena 2003 kienet dik ta’ 15% mentri fis-sena 2004 kienet ta’ 18%.

Minn naha tieghu l-akkuzat irrilaxxa stqarrija ezebita bhala DOK CG a folio 35. hawn qal illi hu kien iqabbad in-nies biex jaghmlulu xoghol fuq id-dghajsa li kienet inharqitlu. Qal illi kien huh Paul illi kien jghinu. Ma kienx jaf jirrispondi x’tip ta’ xoghol kien jaghmel fuq id-dghajsa certu Mario Borg. Ammetta nonostante cio li fid-dikjarazzjoni li kien ghamel ma’ Rausi kien qallhom illi kien hu li kien jaghmel *service* fuq id-dghajsa tieghu, dan qallu biex ma jgibhiex fit-tul. Ammetta wkoll li d-dghajsa kienet armata b’ tliet *fire extinguishers*. Ghall-mistoqsija jekk min dawk it-tliet *fire extinguishers*, kellux xi wiehed *automatic*, wiegeb *‘Ma*

*nirrispondix ghax ma nifhimx fihom.’* (folio 26). Anzi qal illi allura kien ghalhekk illi fl-istqarrija rilaxxata lil Rausi kien qal illi kellu fuq l-*boat* tliet *manual fire extinguishers*, ghax ma kienx jifhem fihom. Mistoqsi dwar l-ircevuti li hu pprezenta lil Rausi Insurance u li ma kienux jirriflettu d-data li kienet mitkuba fuqhom, wiegeb *‘Mhux foloz. Li kellna tlifniehom. Ma nirrispondix.’* (folio 26). Qal illi kien xtara l-*fire extinguishers* minghand Lino, pero ma kienx jaf jekk hux *automatic.* ghax ma jifhimx, ma jiftakarx min bejnu jew huh xtara dawn l-*extinguishers*. Irrisponda li dawn l-*extinguishers* gieli tahom *service*, pero nesa meta u jekk hux jew huh tawx dan is-*service*. Ghall-fatt illi Lino (Carmelino Borg) xehed illi lil **CHARLES GRECH** ma kienx bieghlu *automatic fire extinguisher*, wiegeb illi bhalu Lino ma kienx jifhem. Ghall-mistqosija kienx lest li ssir *dive* fuq id-dghajsa biex jigi verifikat b’liema tip ta’ *fire extinguisher* kienet mghammra d-dghajsa, wiegeb illi kellu bzonn parir minghand l-Avukat tieghu.

Xhud li ttella’ jixhed in difesa kien hu l-akkuzat Paul Grech. Dan spjega li kellu bhall-hutu delizzju tal-bahar u kien jinnavika ftit bhala *mechanic*. Qal illi wara li lill-huh kienet qabditlu l-*boat*, hu mar ghand Rausi biex jghidilhom x’tip ta’ *fire extinguishers* kienet fornita bihom l-istess *boat*, dan ghaliex huh ma kienx jifhem daqshekk. Qal illi lil Rausi kien qallhom li fuq il-*boat* kien hemm *fire extinguisher automatic*, tnejn ohra *manual*. Gew mitluba l-ircevuti minghand Rausi, pero huma dawn (l-ircevuti ta’ xiri ta’ *extinguishers*) ma kinux zammewhom. F’dan l-istadju l-imputat ma kienx max-xhud ghand Rausi. Hawn lix-xhud gietu l-idea li jitlob ricevuta lil Lino ta’ Borg Tyre Service (Carmelino Borg gia’ deponenti f’dawn il-proceduri). Qal illi dan Borg ghamlilhom din l-ircevuta u hu, Paul Grech, taha lil Rausi Insurance. Gharaf fil-fatt id-dokumenti ezebiti a folio 44.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali huma dawk ta’ tentattiv ghar-reati, 308, 309, 310, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet

ta’ Malta, cioe’ l-frodi bl-aggravju, u l-Artikolu 186 ukoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti ser tibda biex fil-fatt taghmel ezami ta’ l-Artikolu 186 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Taghmel hawn a skans ta’ ripetizzjoni dak ben citat fis-sentenza ferm studjata ta’ din il-Qorti diversament preseduta, moghtija mill-Magistrat Dr Lawrence Quintano, u ezebiti fl-atti ta’ din il-kawza a folio 63 – 70 fl-ismijiet Il-Pulizija(Spettur Angelo Gafa’) vs Carmelino Borg.

Senjalament din il-Qorti ser terga’ tikkwota dak hekk ikkwotat min-noti tal-Profs Anthony Mamo (*Notes on Criminal Law, Part II, pge 161*), fejn ikkwota lill-Gurista Kenny:
*‘Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not…Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.’*

Ghalhekk il-Blackstone (Blackstone’s Criminal Practice 2008, page 446) jghid:
*‘As far as offences under the Forgery and Counterfeit Act 1981 are concerned, an instrument is only false if it purports to be something it is not, or if it ‘tells a lie’ about its own authorship, origin or history.’*

Mela l-istrument, dokumenti in kwistjoni f’dan il-kaz in ezami, certament ma gewx iffalsifikati fit-termini hawn fuq deskritti. Il-Vat receipt ezebita ma tghidx *a lie about itself*, ma turi xejn hlief ricevuta fiskali ta’ bejgh normali ta’ tliet *fire extinguishers*. Minn naha l-ohra l-invoice li rcevew Rausi Insurance li fiha nnifisha kienet certament tiddetta suspett, (apparti ghad-diskrezzjoni taghha ta’ l-oggett kif xehed l-istess Rausi) minhabba l-alterazzjoni tal-persentagg tal-Vat a distinzjoni ta’ dak imnizzel fuq *is-supplier’s copy*. Pero apparti ghall-fatt illi din il-Qorti ma tistax tghid fic-cert min oltera l-persentagg tal-VAT (vide folio 9 u folio 41, DOK AG5, AG4), xorta dan id-dokument mhux iffalsifikat fil-kuntest hawn fuq deskritt. Ghaldaqstant

**CHARLES GRECH** qieghed jigi liberat mir-reat detott taht l-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikoli l-ohra mibghuta mill-Avukat Generali huma ta' tentattiv ta' qerq taht l-Artikoli 308, 309, 310, u 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-perm ta' din il-kwistjoni in kwantu **CHARLES GRECH** gie addebitat bit-tentttiv huwa jekk kellux il-*common design,* il-ftehiem necessarju ma' huh Paul Grech primarjament u ma' Mario Borg (sekondarjament) li jiddifforda lil Rausi Insurance meta gew prezentati lill-istess insurance il-VAT *receipts* u l-*invoice* ezebiti.

Id-Difiza sahqet illi **CHARLES GRECH** ma kienx il-persuna li effettivament mar u pprezenta d-dokumenti msemmija. Dan xehdu hu l-akkuzat Paul Grech. Pero kemm Nigel Rausi kif ukoll Malcolm Ellul xehdu mod iehor. Xehdu anzi li l-akkuzat wara li sar jaf illi l-*claim* ma setghetx tigi onorata minhabba primarjament in-nuqqas ta' *automatic fire extinguisher*, biddel il-verzjoni tieghu. Lanqas ma tregi d-Difiza tieghu li ta fl-istqarrija li hu ma kienx jifhem fl-*extinguishers*, tant illi ma kienx jaf jiddistingwi bejn wiehed *manual* u dak *automatic*. Pero *a contrario* ta' dak illi ghazel li jghid fl-istqarrija, fil-*claim form* li mela *a tempo vergine* ma' l-insurance kien ferm car fid-distinzjoni li ta ta' l-*extinguishers* fejn iddeskriva l-istess bhala *'3 fire extinguishers ….1kg powder each and were manually operated'* (folio 86).

Kien wara li sar konsapevoli bid-diffikkulta' li tigi onorata l-*claim* li sar inkonsapevoli tad-differenza bejn it-tnejn. Anke mill-istqarrija tieghu jidher fic-car dan il-punt.

Terga' tirrepeti din il-Qorti li mix-xhieda ta' Nigel Rausi u Malcolm Ellul jirrizulta li kien **CHARLES GRECH** li pprezenta d-dokumenti merti tal-kawza. Ghalhekk certament ghalkemm ma kienx **CHARLES GRECH** illi nstiga lil Carmelino Borg li jaghmel, anzi jirredigi d-dokumenti, certamenet il-*common design* jirrizulta mis-segwenti fatturi:

1. Kien hu ma' martu li saru jafu bid-diffikulta';
2. Kien hu li pprezenta dik id-dokumentazzjoni.

Ghalhekk hawn zgur tregi l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa r-reati 308, 309, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huma dawk koncernanti mar-reat ta' qerq. L-ewwel reat addebitat huwa wiehed li gie ferm analizzat u diskuss fil-gurisprudenza nostrana. Huwa stabbilit certament illum li wiehed mill-elementi *sine quo non* tar-reat huwa 'l hekk imsejha *messa in scena*. Tant li l-vot tal-Ligi f'dan l-Artikolu jitkellem fuq 'ingann' jew 'billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz….' (Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa dak li precizament ghamel **CHALES GRECH** meta tfacca fl-ufficju ta' Rausi Insurance u pprezenta d-dokumenti in kwistjoni. Jghid ghalhekk Nigel Rausi *'Wara xi zmien tfacca s-Sur Charles Grech l-ufficju b'dokumenti ta' VAT receipt jew invoice…li kellu automatic fire extinguisher bil-boat tieghu.'* (folio 50). Dan gie anke kkonfermat minn impjegat iehor tal-*insurance* Malcolm Ellul.

Illi certament id-dokumenti kwistjoni ta' din il-kawza kienu biss intizi illi mal-prezentazzjoni taghhom lil Rausi Insurance, jikkreaw l-ingann, dik il-*messa in scena*, ma' l-agenzija msemmija, biex igieghlu l-istess agenzija temmen illi l-*boat* mahruqa u mgharrqa kienet fornita b'*automatic fire extinguishers*, u b'hekk tigi onorata l-*insurance claim*. Certament ukoll dan ir-reat ma giex konsumat bl-intervent opportun ta' l-istess *insurance*, fatt indipendenti mill-volonta' ta' l-akkuzat. Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib htija taht l-Artikolu 308, 310, u 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena rat il-fedina penali ezebita;

Qieghda tikkundanna lil **CHARLES GRECH** ghal piena karcerarja ta' erbatax(14)-il xahar sospizi ghal sentejn(2), wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------